**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Ir-Repubbblika ta' Malta**
**[Avukat Sean G. Azzopardi]**
**[Spettur Kylie Borg]**

**vs**

**-Omissis-**

**Kumpilazzjoni Numru: 219/2022**

**Illum, 9 ta' Dicembru, 2024**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi migjuba kontra **-Omissis-** detentur tal-karta tal-identità bin-numru -Omissis- akkuzat talli bejn ix-xhur ta' Lulju, 2021 u April, 2022 gewwa l-fond -Omissis-, Malta, u/jew

f'postijiet ohra f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. **B'ghemil zieni, ikkorrompa lil -Omissis-, persuna ta' taht is-sittax-il sena, imwielda nhar il--Omissis-;**
   *Art 18, 203(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

2. **B'ghemil zieni, ikkorrompa lil -Omissis-, persuna ta' taht is-sittax-il sena, liema persuna ma ghalqitx l-età ta' tnax-il sena, imwielda nhar -Omissis-;**
   *Art. 18, 203(1)(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

3. **Issoggetta lil -Omissis- ghal xi att ta' intimità fizika, u kif ukoll ghal xi att u, jew imgiba li jkollhom konnotazzjonijiet sesswali, inkluzi kliem bil-fomm, mossi u, jew ghemil, il-wiri jew ic-cirkolazzjoni ta' kliem miktuba, stampi, u, jew xi materjal iehor, fejn dak l-att, kliem, u jew imgiba mhumiex mixtieqa mill-vittma, u jkunu jistghu ragonevolment jigu kkunsidrati bhala offensivi, umiljanti, degradanti, u, jew**

initimdatorji lejha, liema delitt saru fuq persuna li tkun qieghda tghix fl-istess dar bhall-hati jew li kienet tghix mal-hati qabel ma twettaq ir-reat;

*Art. 18, 251A (c)(e), 222(1)(a), 202(h)(v) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

4. Issoggetta lil -Omissis- ghal xi att ta' intimità fizika, u kif ukoll ghal xi att u, jew imgiba li jkollhom konnotazzjonijiet sesswali, inkluzi kliem bil-fomm, mossi u, jew ghemil, il-wiri jew ic-cirkolazzjoni ta' kliem miktuba, stampi, u, jew xi materjal iehor, fejn dak l-att, kliem, u jew imgiba mhumiex mixtieqa mill-vittma, u jkunu jistghu ragonevolment jigu kkunsidrati bhala offensivi, umiljanti, degradanti, u, jew intimidatorji lejha, liema delitt saru fuq persuna li tkun qieghda tghix fl-istess dar bhall-hati jew li kienet tghix mal-hati qabel ma twettaq ir-reat;

   *Art. 18, 251A(c)(e), 222(1)(a), 202(h)(v) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni *ai termini* tal-artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta waqt il-mori tal-kawza

u f'kaz ta' htija ai termini tal-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta favur il-minuri -Omissis- u -Omissis- u l-familjari taghhom.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skont il-ligi tordna lill-hati jhallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll tordna li s-sentenza tigi registrata ai termini tal-artikolu 6(2) tal-Kap. 518 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ezami tal-imputat fil-prezentata fejn huwa wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat il-fedina penali tal-imputat;

Rat l-Ordni ta' Protezzjoni datata tmienja u ghoxrin (28) t'April 2022.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata tlieta (3) ta' Frar, 2023 fejn fiha elenka l-Artikoli tal-Ligi li bihom jitlob li tinstab htija u cioè:-

1. Fl-artikoli 17, 31, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
2. Fl-artikoli 18, 203(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Fl-artikoli 18, 203(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta
4. Fl-artikoli 18, 251A(c)(e)(4), 222(1)(a), 202(h)(v) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Fl-artikoli 18, 251A(c)(e)(4), 222(1)(a), 202(h)(v) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
6. Fl-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
7. Fl-artikolu 6(2) tal-Kapitolu 518 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi wara li l-Artikoli gew moqrija l-imputat ma kellu l-ebda oggezzjoni li din il-Qorti tittratta u tiddeciedi dawn il-proceduri b'mod sommarju;

Semghet it-trattazzjoni bejn il-partijiet datata hamsa u ghoxrin (25) ta' Gunju tas-sena 2024.

**Ikkunsidrat**

Illi xehdet **l-Ispettur Kylie Borg** li pprezentat stqarrija awdjo-viziva tal-imputat, korrispondenza mal-Melita, certifikat tat-twelid tal-

vittmi kif ukoll tal-imputat, fedina penali tal-imputat, mandat t'arrest u tfittxija, kopja ta' chat, rapport, seizure form u zewg (2) mobiles. Tixhed li fil-hdax (11) ta' Marzu tas-sena 2022 hi kienet Spettur tal-Ghassa gewwa l-Vice Squad u giet infurmata minn PC1361 Brian Magri gewwa s-Cyber Crime Unit li infurmaha li kien dahal rapport mis-servizz elettroniku kellimni.com. Tixhed li min uza dan is-servizz kellha l-isem ta' -Omissis- li qalet li kienet agitata hafna u dispjacuta minhabba li kien ghadu kif sehh argument bejn ommha u ohtha z-zghira. Izzid tghid li din -Omissis- kompliet billi tispjega kif kienet qieghda jkollha problema bil-missier tar-rispett taghha stante li kien qieghed ikollu attegjament stramb fil-konfront taghha. Hi sahqet li dan is-sieheb t'ommha kien iqajjimha filghodu billi jmissilha l-partijiet privati taghha u kienet tibza' titkellem dwar dan.

Tkompli tixhed li -Omissis- kienet ippruvat titkellem ma' ommha dwar il-fatt li l-akkuzat messilha l-warrani taghha biex iqajjimha izda ommha ma wrietx inkwiet. Izzid tghid ukoll li l-akkuzat kien gieli jkellem lil -Omissis- rigward il-masturbazzjoni filwaqt li anke juriha filmati ta' nisa jimmasturbaw. Tghid li -Omissis- u ohtha kienu waqfu jkellmu lil missierhom tar-rispett stante li kienu

argumentaw bejniethom. Tixhed li meta kienet irceviet dan ir-rapport hi baqghet f'kuntatt ma' PC1361 Magri li da parti tieghu kien gab l-informazzjoni necessarja dwar l-IP address mill-Melita u cioè li tali indirizz kien -Omissis- u rregistrat fuq -Omissis- bl-indirizz -Omissis-. Tali -Omissis- hija fil-fatt -Omissis- detentrici tal-Karta tal-Identità numru -Omissis- li hija omm ta' tliet (3) itfal fosthom -Omissis- (bl-età t'erbatax (14)-il sena) u -Omissis- (bl-età ta' ghaxar (10) snin). Izzid tghid li hi kienet involviet membri mill-Agenzija Appogg sabiex haddiema socjali jkun jista' jiehdu stqarrija minghand il-vittma minuri.

Tkompli tixhed li fil-fatt kienet accediet gewwa l-iskola -Omissis- flimkien ma' haddiema socjali Manwela Testa. Izzid tghid li kienet giet mitkellma -Omissis- li kkonfermat li kienet hi li tkellmet tramite s-sit elettroniku kellimni.com kif ukoll mal-Guidance Teacher gewwa l-istess skola. Tghid il-vittma minuri pprosegwiet biex tidddeskrivi d-dinamika tal-familja taghha u kkonfermat li ommha hija s-siehba tal-akkuzat -Omissis-. Ikkonfermat li bejn ommha u l-akkuzat hemm wild bl-isem ta' -Omissis-. Tixhed li -Omissis- kkonfermat ukoll li ghandha zewg (2) ahwa tar-rispett u cioè -Omissis- u -Omissis-. Ikkonfermat maghha wkoll li l-agir

tal-akkuzat beda fil-vaganzi tas-Sajf tas-sena 2021 u dan baqa' ghaddej sa meta ma baqghux ikellmu lil xulxin. Tixhed li dan beda meta l-vittma minuri kellha tlettax (13)-il sena.

Tkompli tghid li fil-bidu l-akkuzat kien jaghti daqqa lill-vittma minuri fuq il-warrani u dan quddiem ommha. Tixhed li skont il-vittma minuri dan l-agir kien igeghela thossha skomda filwaqt li hu kien iheggigha biex ma tibqax riservata u tinfetah iktar fil-karattru taghha. Izzid tghid li l-vittma minuri kienet stqarret maghha li l-akkuzat kien jispjegalha kif meta kien zghir hu kien isegwi l-pornografija. Tixhed li l-vittma minuri allegat li l-akkuzat kemm-il darba wrielha filmati pornografici tramite l-mobile tieghu. Tali filmat kien jinkludi mara timmasturba. Tghid li l-akkuzat kien anke jkellimha dwar is-sesswalità taghha. Tixhed ukoll li l-akkuzat kien anke jmissilha sidirha waqt li l-omm kienet tmur iggib l-ikel mill-forn. Izzid tghid li l-vittma minuri stqarret maghha li l-akkuzat kien gieli jistaqsiha jekk kinitx liebsa bra. Tghid li allegazzjoni ohra kienet li meta kienet regghet bdiet tattendi skola l-akkuzat kien iqajjimha mis-sodda billi jmissilha sidirha u li dan kien isehh biss fil-konfront taghha u mhux fil-konfront t'ohtha. Il-vittma minuri tant kienet tiddejjaq b'dan l-agir li kienet qieghda tispicca tqum

iktar kmieni mis-soltu. Tixhed li apparti li kien allegatament jaqbad sider il-vittma minuri, l-akkuzat kien anke jtaptap idejh fuq il-warrani taghha.

Tixhed ukoll li l-vittma minuri spjegatilha li meta kienet tmur tinhasel fil-kamra tal-banju (gieli anke m'ohtha) l-akkuzat kien jittawwal gol-istess kamra waqt li hu kien ikun barra fil-bitha interna. Tispjega li l-akkuzat kien jishaq li hu ma seta' jara xejn stante li kien hemm net tghatti t-tieqa izda meta ccekkjat it-tifla jekk hux minnu jew le skopriet li wiehed seta' jara gol-kamra tal-banju. Tghid ukoll li avveniment iehor li gara kien li meta l-akkuzat kien qieghed fuq is-saqqu mal-art isegwi l-filmati pornografici filwaqt li hi kienet bilqieghda fuq is-sufan issegwi serje fuq il-laptop. Tghid li l-vittma minuri nzertat harset lejn il-mobile u rat tali filmat. Tixhed li l-omm ma hadet ebda pass jew azzjoni kontra l-akkuzat.

Izzid tghid li meta giet mitkellma oht -Omissis- u cioè -Omissis-, hi allegat li l-akkuzat kien jurilhom materjal pornografiku fuq il-mobile kif ukoll fuq it-television. Tixhed li skont hi l-akkuzat kien anke jurilhom certu affarijiet fil-hin reali. Tghid li -Omissis-

stqarret li l-akkuzat kien anke ghaddielha password sabiex tkun tista' taccessa materjal pornografiku. Tixhed li allegazzjoni ohra li ghamlet -Omissis- kienet meta l-akkuzat dahal gol kamra tas-sodda u sab lilha u lil ohtha -Omissis- u pprosegwa biex jurilhom ritratt ta' mara twettaq sess orali fuq ragel. Tixhed li l-akkuzat kien anke kkumpara dan l-att ma' meta persuna tilbes maskra u li kien ser jixtri rigal tal-Milied ghal ommhom f'forma ta' maskra. Tixhed li allegazzjoni ohra li ssemmiet minn -Omissis- kienet li darba minnhom l-akkuzat kien ghajtilha sabiex taghlaqlu l-bieb tal-kamra tas-sodda u kienet sabet lill-istess akkuzat bil-parti privata tieghu barra u li meta ghalqet il-bieb u telqet l-akkuzat xtaq li tkompli tarah. Tghid li -Omissis- kkonfermat ukoll li l-akkuzat kien joqghod jittawwal ghal gol-kamra tal-banju mill-bitha interna u li kienet thossha skomda u mhix sigura fil-prezenza tal-istess akkuzat.

Tkompli tghid li fuq din l-informazzjoni fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' April tas-sena 2022 kienet talbet mandat t'arrest u tfittxija fil-konfront tal-akkuzat minghand il-Magistrat Dr Marseann Farrugia. Tikkonferma li s-Surgent 31 Mario Farrugia u l-Kuntistabbli 208 Brian Fenech accedew fir-residenza tal-akkuzat u filwaqt li tawh

id-drittijiet skont il-ligi filwaqt li rregistraw l-arrest tieghu fl-Ghassa ta' -Omissis- qabel ma gie skortat lejn id-Depot tal-Pulizija. Tixhed li mal-arrest tal-akkuzat hi kkomunikat mal-omm u cioè -Omissis- sabiex tispjegalha dak kollu li gara. Ikkonfermat li -Omissis- kienet fi stat ta' xokk u kienet ammettiet maghha li l-akkuzat kien ammetta li darba kien urielha ritratt indicenti. Tghid li hi kienet interrogat lill-akkuzat fil-prezenza ta' PS31 Brian Farrugia u dan wara li nghata d-dritt li jkellem lill-avukat tal-fiducja tieghu u cioè Dr Mario Mifsud. Tghid li l-akkuzat stqarr li kien ilu jaf lil -Omissis- mis-sena 2013 u li kienu ilhom jirrisjedu gol-istess propjetà ghal dawn l-ahhar erba' (4) snin. Tikkonferma li l-akkuzat innega l-allegazzjonijiet maghmulin kontra tieghu u tikkonferma wkoll li gew elevati zewg (2) mobiles minn fuq il-persuna tieghu. Tghid li wiehed minn dawn il-mobiles jintuza ghax-xoghol. Izzid tghid li fit-tmienja u ghoxrin (28) t' April 2022 l-akkuzat tressaq il-Qorti.

Inkontroezami tghid li hi u l-kollegi taghha ma accedewx god-dar fejn sehhew l-allegati reati. Tikkonferma li meta kkonfrontat lill-omm hi wissietha sabiex tiehu hsieb iktar lit-tfal stante li huma t-

tfal naturali taghha u mhux tal-akkuzat. Tixhed li hi rreferietha ghall-Victim Support Unit stante li ratha tant inkwetata.

Illi semghet lill-vittma minuri **-Omissis-** li dak iz-zmien meta nqala' l-allegat incident kellha tlettax (13)-il sena u xehdet bis-sistema awdjo-viziva. Gie spjegat ukoll l-importanza li tghid il-verità kollha u mhux xi haga li xi haddiehor ikun qalilha.

Tixhed li hi tghix l-iktar m'ommha gewwa -Omissis- filwaqt li gieli toqghod ma' missierha wkoll gewwa -Omissis-. Tghid li qabel ma wettqet ir-rapport taghha kien jghix certu -Omissis- li kien is-sieheb t'ommha. Tixhed ukoll li dan -Omissis- ghandu tifel bl-isem ta' -Omissis- u li ghandu sitt (6) snin. Tikkonferma li -Omissis- huwa huha stante li l-omm naturali hija l-istess. Tixhed li hi ghandha oht bl-isem ta' -Omissis- li ghandha l-età ta' hdax (11)-il sena. Tikkonferma li ommha jisimha -Omissis-. Tixhed li kollox beda minn glieda frivola bejnha, bejn ohtha u ommha fuq il-hwejjeg. Tghid li stante n-nervi li kellha marret fuq is-sit elettroniku kellimni.com u bdiet tispjega fuq dan is-sit li kien qieghed ikun hemm il-glied. Tkompli tghid li lill-haddiema socjali fuq is-sit kellimni.com kienet spjegatilhom li l-akkuzat kien hadha

drawwa li sabiex iqajjimha filghodu kien joqghod imissilha l-warrani kif ukoll sidirha. Tixhed li hi kienet torqod fl-istess kamra tas-sodda m'ohtha -Omissis-. Tghid ukoll li l-akkuzat kien iqajjem lilha biss u mhux lil ohtha minkejja li jmorru gol-istess skola allura jkollhom iqumu fl-istess hin. Tippreciza li l-akkuzat kien jaghfsilha l-warrani jew inkella sidirha filwaqt li kien jghaddi xi kumment stramb.

Izzid tghid li hi ma kienx ikollha cans tirreagixxi ghal dan l-agir stante li kienet tkun ghadha kif tqum minn raqda. Tghid ukoll li kienet thossha anzjuza tant li kienet tqum qabel il-hin xhin tisma' l-passi tal-akkuzat. Kienet sahansitra torqod b'tali mod li tkun qieghda zzomm sidirha. Tixhed li dan l-agir sehh b'mod konsistenti sakemm fl-ahhar refghet idejha fuq l-akkuzat filwaqt li hu qalilha "issa nhallsek". Tikkonferma li hi kienet tilbes il-pyjama t'ommha u meta kien ikun hemm l-akkuzat kienet tilbes bra minn taht ukoll. Tixhed ukoll li dan kollu kien isehh fi zmien is-sajf tas-sena 2021. Tghid li darba minnhom l-akkuzat dahal fil-kamra taghha meta kienet wahedha u giet murija filmat ta' mara taghti pjacir lilha nnifisha. Tikkonferma li hi hassitha skomda b'dan l-agir u l-akkuzat sahaq maghha li ghandha bzonn tinfetah iktar

bhala karattru u ma toqghodx lura. Kemm-il darba grat li l-akkuzat kien joqghod jaqbad maghha stante li hija ghandha karattru riservat hafna. Tixhed li kien hemm mumenti fejn l-akkuzat kien imur fuqha jmissilha sidirha u jistaqsiha jekk kinitx liebsa bra. Tixhed li dan kien isehh meta ommha kienet tmur iggib l-ikel mill-forn li kien ikun fil-garaxx filwaqt hi u l-akkuzat kienu jkunu fil-kcina.

Tkompli tixhed li l-akkuzat -Omissis- kien anke jsaqsiha jekk qattx kienet timmasturba jew jekk qattx rat filmati pornografici filwaqt li jirrakkontalha li hu kien isegwi tali filmati meta kien zghir. Tghid li meta kienet tigi rinfaccjata b'dan l-agir hi kienet tipprova tahrab minnu. Izzid tghid li l-akkuzat kien anke juriha ritratti ta' nisa gharwenin filwaqt li jsaqsiha jekk hi hiex omosesswali. Tirrakkonta kif darba minnhom kienu ghand omm l-akkuzat u filwaqt li hi kienet fuq is-sufan issegwi serje, l-akkuzat kien fuq saqqu mal-art isegwi l-pornografija. Tghid li episodju iehor li gara kien meta hi marret tinhasel gol-kamra tal-banju u l-akkuzat kien joqghod jittawwal mit-tieqa tal-istess kamra tal-banju minkejja li kien hemm l-iskrin tal-insetti. Tghid li hi iktar iffukata fuq l-iskola milli fuq il-guvintur u li kienet qalet lil ommha b'dawn l-affarijiet

bil-mod il-mod. Tixhed li ommha ma kinitx temminha stante li l-akkuzat kien persuna li huwa religjozament attiv.

Inkontroezami tghid li taf u accettat il-fatt li l-akkuzat kien beda johrog ma' ommha. Tikkonferma li tal-età ta' seba' (7) snin jew ghaxar (10) snin kienet hadet din il-bidla bi kbira. Tghid li però ma kienx minhabba -Omissis- li r-relazzjoni ta' bejn missierha u ommha ntemmet. Tixhed li f'certu punt accettat il-fatt li l-affarijiet inbidlu fil-familja. Tikkonferma li kien jigi jqajjimha l-akkuzat u mhux ommha stante li kien hu li jqum l-ewwel. Tikkonferma li l-akkuzat kien dahal gol-kamra tas-sodda taghha waqt li hi kienet bilqieghda mad-desk taghha ssegwi serje fuq il-laptop u wriha filmat ta' mara timmasturba. Tixhed li b'referenza ghall-episodju meta l-akkuzat kien qieghed isegwi l-pornografija hi rat dan b'mod kazwali u mhux ghax l-istess akkuzat minn jeddu wrielha dan il-materjal. Tghid li d-drabi li l-akkuzat ittawwal got-tieqa tal-kamra tal-banju kienu sabiex isewwi xi pajpijiet fil-gardina. Tixhed li kienet qaltlu biex jitlaq u wara ftit rega' gie jittawwal. Tikkonferma li quddiem ommha l-akkuzat kien jiccajta maghha billi jaghtiha daqqa fuq il-warrani u hi kienet tkompli billi taghtih daqqa lura fuq il-warrani tieghu.

Illi semghet lill-vittma minuri **-Omissis-** li dak iz-zmien meta nqala' l-allegat incident kellha ghaxar (10) snin u xehdet bis-sistema awdjo-viziva. Gie spjegat ukoll l-importanza li tghid il-verità kollha u mhux xi haga li xi haddiehor ikun qalilha.

Tixhed li hi kienet tirrisjedi gewwa -Omissis- flimkien ma' ommha, huha -Omissis-, ohtha -Omissis- u filghaxija kien jigi s-sieheb t'ommha u cioè l-akkuzat -Omissis-. Tghid li xi kultant l-akkuzat kien ikun id-dar matul il-gurnata. Tixhed ukoll li darba minnhom l-akkuzat ghajtilha mill-kamra tas-sodda t'ommha u tal-akkuzat sabiex taghlaq il-bieb u nnotat li l-akkuzat kien qieghed jaghmel xi mossa bil-parti privata tieghu waqt li kien fuq is-sodda bil-kutra fuqu. Tippreciza li l-akkuzat kien qieghed imiss lilu nnifsu u kellu l-parti privata tieghu esposta. Tghid li kienet telqet minn quddiemu minkejja li l-akkuzat xtaq li hi tarah. Tghid li huha -Omissis- ma rax dan l-avveniment. Tghid li fil-kamra tas-sodda hemm is-sodda faccata tal-bieb filwaqt li hemm television mal-genb tal-bieb. Izzid tghid li fl-istess kamra tas-sodda kien sehh episodju iehor meta hi kienet qieghda tilghab ma' -Omissis- u l-akkuzat dahal gol-kamra. Tghid li -Omissis- xeghel it-television u qaghad jurilha l-pornografija. Tixhed li hi fil-pront ghattiet wiccha

biex turi l-iskumdità taghha. Izzid tghid li l-akkuzat ipprosegwa biex jaghtiha password biex tkun tista' taccessa l-istess filmati.

Tixhed ukoll li kien hemm darb'ohra meta l-akkuzat kien qieghed juri ritratt lil ohtha -Omissis- u stante li kellha kurzità xtaqet tara dan ir-ritratt. Tghid li dan ir-ritratt kien jinvolvi mara bil-parti privata ta' ragel go halqha. Tkompli tghid li l-akkuzat spjega li mossa bhal din tkun tajba bhala rigal ghal ommhom minflok maskra. Tixhed li c-cajt li kien jaghmel l-akkuzat kien jiskomodaha diversi drabi. Iggib bhala ezempju li kien hemm darba minnhom li saqsa lilha u lil -Omissis- jekk humiex omosesswali. Tghid li cajta ohra li kien jaghmel l-akkuzat kien li jipparaguna banana ma' parti privata ta' ragel. Tikkonferma li qatt ma kellha gharus.

Inkontroezami tixhed li l-akkuzat gieli kien jiehu hsieb lilha u lil ohtha u xi kultant kien jaghtihom daqqiet ta' harta. Tghid li meta l-akkuzat kien jiccajta b'mod tad-doppju sens dan kien ikun fil-prezenza t'ommha. Tghid li ma kienx hemm drabi meta hi ppruvat tidhol gol-kamra tal-akkuzat minkejja li hu kien jghidilha biex ma tidholx. Tikkonferma li gieli l-akkuzat kien ikecciha mis-sodda tieghu u dan minhabba t-tixrid tal-COVID. Tghid li hi u ohtha ma

kinux jistaqsu lill-akkuzat dwar affarijiet intimi. Rigward l-episodju tghid li l-akkuzat seta' kien gol-kcina qabel ma dahal fil-kamra tas-sodda. Tixhed li l-akkuzat kien ghadda l-password ghas-sezzjoni tal-adulti fuq l-IPTV. Tikkonferma li tali password huwa "-Omissis-".

Illi xehdet **-Omissis-** li tigi omm il-vittmi minuri u l-eks siehba tal-akkuzat -Omissis-. Tghid li apparti l-vittmi minuri hi ghandha tifel bl-isem ta' -Omissis- li huwa t-tifel naturali tal-akkuzat. Tghid li l-akkuzat kien jiekol u jorqod fir-residenza taghha. Tixhed li r-relazzjoni bejn -Omissis-, -Omissis- u l-akkuzat kienet wahda turbulenti fil-bidu. Tispecifika li kull darba li l-akkkuzat kien jipprova jikkoregihom huma kienu jirribellaw billi jghidulu li hu mhuwiex il-missier naturali taghhom. Tghid li hi xtaqet li bhala dixxiplina hi u l-akkuzat ikunu fuq l-istess pagna. Tghid li l-vittmi minuri kienu jhossu li hi kienet thobb lill-akkuzat iktar stante li kienu jaqblu bhala mod ta' dixxiplina. Tghid li fl-ahhar tar-relazzjoni t-tfal u l-akkuzat spiccaw fi stat li ma kinux jitkellmu u dan stante dizgwit li kien hemm fuq il-hasil tal-platti. Kien hemmhekk li l-akkuzat iddecieda li ma jindahalax iktar.

Tkompli tixhed li fil-bidu tas-sena 2022 il-vittma minuri -Omissis- kellmitha dwar l-imgiba tal-akkuzat. Tixhed li l-akkuzat kien allegatament iqajjem lil bintha billi jcaqlaqha mill-warrani u hi ma kinitx tkabbar is-sitwazzjoni. Tikkonferma li setghet tinnota li fiz-zmien meta l-akkuzat ma kienx ikellem lil -Omissis-, l-istess -Omissis- kienet thossha ahjar. Tixhed però li minkejja li l-akkuzat ma kienx ikellem lit-tfal xorta wahda kien qieghed ikollha d-dizgwit mal-istess tfal. Tixhed li huwa minnu li xi kultant biex jiccajta l-akkuzat kien jaghti daqqa fuq il-warrani ta' bintha u hi kienet anke taghmel l-istess lilha. Tkompli tghid li -Omissis- kienet qaltilha bi tliet (3) avvenimenti li sehhew. L-ewwel wahda kien meta l-akkuzat dahal gol-bitha waqt li hi kienet qieghda tinhasel fil-kamra tal-banju (li tinsab gol-istess bitha). Tghid li rigward dan l-avveniment hi haditha li kien zball genwin tal-akkuzat li qabad u hareg gol-bitha.

Tkompli tixhed li avveniment iehor li sehh kien meta -Omissis- inzertat u rat lill-akkuzat mas-sink bil-parti privata tieghu barra u dan meta ghaddiet minn quddiem il-kamra tal-banju u l-bieb kien miftuh. Tixhed li rakkont iehor li allegat it-tifla kienet meta l-akkuzat kien wera ritratt ta' mara nofsha gharwiena b'idejha fuq

il-parti taghha. Tixhed li meta kkonfrontat lill-akkuzat dwar dan l-istess -Omissis- qalilha li jista' jkun li wrieha ritratt minn fuq ic-chat tal-Kazin tal-Banda. Tixhed li jista' jkun li -Omissis- kienet qieghda tuza dawn l-allegazzjonijiet biex tuzahom kontra l-akkuzat meta kienet thoss li ommha qieghda zzomm wisq mieghu. Tikkonferma li hi saret taf b'dawn l-allegazzjonijiet minghand -Omissis- biss u mhux minghand -Omissis-. Tikkonferma li llum il-gurnata thoss li r-relazzjoni bejnha u bejn it-tfal hija hafna ahjar anke l-ghaliex ihossuhom iktar ahjar. Tkompli tghid li meta saqsiet lil bintha ghalfejn damet s'issa biex tghidilha b'dan kollu, hi wegbitha li kienet imbezzgha u kienet thoss li ma kinitx qieghda tigi emmnuta. Tghid li llum il-gurnata hi temmen lil -Omissis-.

Inkontroezami tghid li -Omissis- kienet qalet li l-akkuzat kien imur iqajjimha billi jaghfsilha l-warrani u kien biss hafna wara li qaltilha li kien anke jaghfsilha s-sider. Tghid li hi kienet tqum ftit minuti wara l-akkuzat u qatt ma marret tivverifika x'kien jigri. Rigward l-avveniment tal-kamra tal-banju tghid li ma tiftakarx f'liema parti tad-dar kienet. Tixhed li hemm zewg (2) televisions fid-dar wiehed minnhom bis-servizz tan-Netflix u l-iehor bis-servizz tal-IPTV. Tghid li rigward l-IPTV hi ma tafx tuzah u ma taf xejn dwar

passwords. Taf però li hemm kategorija tal-adulti fuqu. Tixhed li hi qatt ma ppruvat tiskopri kif taccessa tali katergorija.

Illi xehdet <u>**Abigail Mifsud**</u> li tahdem bhala haddiema socjali u twettaq xoghol volontarju fuq il-pjattaforma kellimni.com. Tghid li fil-hdax (11) ta' Marzu tas-sena 2022 hi kienet qieghda tahdem fis-sebgha u kwart ta' filghaxija fuq il-pjattaforma kellimni.com u f'dak il-hin dahlet persuna tkellimha tramite chat. Tixhed li din il-persuna ddentifikat lilha nnifisha bhala -Omissis- li infurmatha li kellha erbatax (14)-il sena. Tixhed li din il-persuna infurmatha li kienet qieghda thossha rrabjata stante li ommha ma riditx tkun taf bl-istorja taghha. Izzid tghid li meta kompliet tkellem lil -Omissis- skopriet li kienet ghadha kif sehhet glieda bejnha, ommha u ohtha rigward il-fatt li ohtha z-zghira ma riditx ittella' l-hwejjeg mahmugin. Tixhed li eventwalment din il-persuna semmitilha l-missier tar-rispett taghha u pprosegwiet taghmel certu allegazzjonijiet dwaru. Tixhed li -Omissis- spjegatilha li meta kien twieled huha seba' (7) snin qabel bdew certu problemi kemm mil-lat edukattiv kif ukoll mil-lat ta' sahha mentali. Tkompli tghid li -Omissis- spjegatilha li l-missier tar-rispett kien joqghod imissilha l-partijiet privati taghha biex iqajjimha mis-sodda.

Izzid tghid li -Omissis- sabet diffikultà f'hajjitha stante li ommha ma kinitx tqis dan l-agir bhala wiehed inkwetanti. Tghid ukoll li -Omissis- allegat maghha li meta kellha tlettax-il sena l-missier tar-rispett kien uriha xi filmati pornografici. Tkompli tixhed li -Omissis- kienet tkellmet dwar dan m'ommha, ma' shabha kif ukoll mal-Councillor tal-iskola. Tixhed li c-chat intemmet ghat-tmienja nieqes kwart stante li l-procedura qieghda li meta jkun hemm kaz serju t'abbuz allura tidhol kollega taghha biex tkompli u f'dan il-kaz kienet certu Raina Vella. Inkontroezami tikkonferma li c-chat ma sehhx vivavoce.

Illi xehdet <u>Rania Vella</u> bhala voluntier ta' kellimni.com. Tixhed li hi topera bhala supervisor kif ukoll bhala online youth mentor. Tixhed li fil-kaz de quo kien hemm potenzjal t'abbuz u bhala procedura fi hdan kellimni.com jekk jinzerta dan il-potenzjal allura dan l-abbuz jigi rrappurtat. Tghid li hi kienet qieghda tikkorrispondi ma' Abigail Mifsud kif ukoll ma' certu Justine Buttigieg filwaqt li anke ssegwi c-chat. Tghid li fil-fatt kienet hi li wettqet ir-rapport.

Illi xehed <u>PC31 Mario Farrugia</u> li jghid li fit-tmienja u ghoxrin (28) t'April tas-sena 2022 meta fis-sebgha u ghaxra ta' filghodu hu u

PC208 Brian Fenech mis-sezzjoni tal-Vice Squad kienu qeghdin jesegwixxu mandat t'arrest tal-akkuzat -Omissis- mahrug mill-Magistrat Dr Marseann Farrugia. Jghid li dan il-mandat kien rigward abbuz sesswali fuq minorenni. Izid jghid li hu u PC208 marru gewwa -Omissis- fejn l-akkuzat hareg mid-dar residenzjali u gie infurmat li kien taht arrest. Jixhed li l-akkuzat inghata l-mandat kif ukoll ittra bid-drittijiet tieghu inkluz dawk tal-assistenza legali. Jghid li l-akkuzat xtaq jikkonsulta mal-avukat Dr Mario Mifsud. Jghid ukoll li minn hemmhekk accedew gewwa l-Ghassa ta' -Omissis- sabiex l-arrest jigi rregistrat u minn hemm ittiehed il-Kwartieri Generali tal-Pulizija. Izid jghid li l-akkuzat ikkomunika mal-avukat Dr Mario Mifsud tramite telefonata u wara ttiehdet stqarrija fejn hu kien prezenti mal-Ispettur Kylie Borg. Jixhed li l-akkuzat cahad l-allegazzjonijiet kollha maghmulin fil-konfront tieghu.

Illi xehed **<u>PC208 Brian Fenech</u>** li jghid li fit-tmienja u ghoxrin (28) t'April tas-sena 2022 hu u PS31 Mario Farrugia gew struzzjonati mill-Ispettur Kylie Borg sabiex jigi arrestat l-akkuzat -Omissis- u fil-fatt l-istess akkuzat gie arrestat barra mir-residenza tieghu fi -Omissis-. Jixhed li l-akkuzat gie infurmat bir-raguni tal-arrest

tieghu u cioè fuq allegat abbuz sesswali fuq il-minuri -Omissis- u -Omissis-. Ikompli jixhed li l-akkuzat inghata kopja tal-mandat kif ukoll kopja bid-drittijiet tieghu fosthom li jkellem lill-avukat tal-fiducja tieghu u cioè Dr Mario Mifsud. Jixhed li fil-fatt l-akkuzat ikkomunika mal-istess avukat tramite telefonata. Jixhed li mill-Ghassa ta' -Omissis- l-akkuzat ittiehed il-Kwartieri Generali tal-Pulizija fejn sar iktar stharrig mill-Ispettur Kylie Borg.

Illi xehed <u>**PC 2304 Andria Tanti**</u> li tghid li fl-erbgha (4) t'April tas-sena 2022 giet struzzjonata mill-Ispettur Kylie Borg sabiex takkumpanjaha gewwa l-iskola ta' -Omissis- gewwa -Omissis- flimkien ma' Manwela Testa mic-Child Protection Services sabiex ikellmu zewg (2) minuri. Tghid li bdew billi kellmu lil -Omissis- ta' erbatax (14)-il sena. Tghid li l-istess vittma minuri kkonfermat maghhom li kienet ikkomunikat lill-haddiema socjali tramite l-pjattaforma kellimni.com filwaqt li fethet qalbha mal-Guidance Teacher tal-iskola. Tixhed li l-vittma minuri spjegatilhom il-familja taghha. Ipprecizat maghha li ommha -Omissis- u s-sieheb taghha l-akkuzat -Omissis- ghandhom tifel bl-isem ta' -Omissis-. Tghid li l-akkuzat ghandu zewgt (2) itfal minn relazzjoni ohra bl-ismijiet

ta' -Omissis- u -Omissis-. Tixhed li -Omissis- ghandha ohtha bl-isem ta' -Omissis- u missierhom huwa certu -Omissis-.

Tkompli tixhed li -Omissis- spjegatilha li l-agir tal-akkuzat beda fis-sajf tas-sena ta' qabel meta kellha tlettax (13)-il sena u tkompla sakemm waqfu jkellmu lil xulxin. -Omissis- stqarret maghha li l-akkuzat beda billi jaghtiha daqqa fuq il-warrani u dan anke fil-prezenza t'ommha. Tghid li kull darba li -Omissis- kienet turi skumdità l-akkuzat kien jghidilha li ghandha bzonn tinfetah iktar. Izzid tghid li -Omissis- spjegat li ommha jisimha -Omissis- u li s-sieheb taghha jismu -Omissis-. Tixhed li minn din ir-relazzjoni twieled tifel bl-isem ta' -Omissis-. Tikkonferma li l-istess akkuzat ghandu zewgt (2) itfal minn relazzjonijiet ohra bl-ismijiet ta' -Omissis- u -Omissis-. Tghid li -Omissis- ghandha ohta bl-isem ta' -Omissis- u li missierhom jismu -Omissis-. Tkompli tixhed li -Omissis- stqarret maghha li l-agir tal-akkuzat beda jdejjaqha mis-sajf tas-sena 2021 meta kellha tlettax (13)-il sena. Tghid li dan kollu beda meta l-akkuzat kien qieghed jaghti daqqiet fuq il-warrani taghha. Dan l-agir iggrava meta l-akkuzat kien dahal ikellimha gol-kamra tas-sodda taghha u saqsiha dwar x'taghmel wahedha u li meta hu kien zghir kien joqghod isegwi l-

pornografija. Il-minuri stqarret maghha kif l-akkuzat kien uriha filmat ta' mara timmasturba tramite l-mobile tieghu. Il-vittma minuri stqarret maghha li gieli l-akkuzat kien jghaddi minn hdejha fil-kcina u jmissilha sidirha.

Tkompli tixhed li l-vittma minuri spjegatilha kif l-akkuzat kien ghamel habta isaqsiha jekk tilbisx bra kif ukoll kien joqghod jittawwal mit-tieqa tal-kamra tal-banju meta kienet tkun qieghda tinhasel m'ohtha. Xehdet li din it-tieqa kellha xibka u li -Omissis- spjegatilha li minkejja din ix-xibka wiehed seta' jara car gol-kamra tal-banju. Tghid ukoll li l-akkuzat kien ghamel zmien iqajjem lill-vittma minuri filghodu billi jaqbdilha sidirha u jtaptpilha fuq il-warrani taghha. Kawza ta' dan l-agir il-vittma minuri spiccat tqum iktar kmieni sabiex l-akkuzat ma jkollux bzonn jidhol iqajjimha. Episodju iehor li gara kien meta -Omissis- kienet mal-akkuzat fir-residenza t'ommu u waqt li hi kienet bilqieghda fuq is-sufan issegwi xi haga fuq il-laptop l-akkuzat kien qieghed fuq saqqu mal-art jara l-pornografija fuq il-mobile filwaqt li jmiss lilu nnifsu. Tghid li -Omissis- stqarret li ommha kienet tishaq li l-akkuzat kien ikun qieghed jiccajta.

Tkompli tghid li wara giet mitkellma -Omissis- li stqarret li l-akkuzat gieli kien jurihom affarijiet tal-kbar fuq il-mobile u xi kultant anke fuq it-television. Tixhed li -Omissis- spjegat kif darba minnhom hi kienet fil-kamra tas-sodda ta' ommha u tal-akkuzat meta l-istess akkuzat dahal u xeghel filmat fuq it-television fejn kien hemm l-adulti jwettqu atti sesswali. Tixhed li l-akkuzat kien anke taha password sabiex l-istess -Omissis- tkun tista' taccessa dawn il-filmati fuq it-television. Il-vittma minuri stqarret maghha kif l-akkuzat kien qaghad joqghod juri lilha u lil ohtha ritratt ta' mara twettaq sess orali fuq ragel. Tixhed li episodju iehor kien meta l-akkuzat talab lil -Omissis- biex taghlaqlu l-bieb, xhin marret sabet lill-akkuzat bil-parti privata tieghu barra. -Omissis- kkonfermat ukoll li l-akkuzat kien mar hdejn it-tieqa tal-kamra tal-banju sabiex jittawwal u jara lilha u lil ohtha. Tixhed li fit-tlieta (3) ta' Mejju tas-sena 2022 hi accediet gewwa l-iskola tal-vittmi minuri flimkien mal-Ispettur Kylie Borg fejn l-istess minuri kkonfermaw dak kollu li stqarrew.

Illi xehed <u>PC1361 Brian Magri</u> li jghid li fil-hdax (11) ta' Marzu 2022 madwar it-tmienja u hdax-il minuta ta' filghaxija rcevew rapport mill-pjattaforma kellimni.com rigward abbuz ta' minorenni. Jixhed

li ma' dan ir-rapport kien hemm ukoll IP address -Omissis- li kien servizz tal-Melita. Jixhed li meta talab informazzjoni minghand il-Melita skopra li dan l-indirizz hu abbinat ma' certu -Omissis- gewwa -Omissis-. Jixhed li minn hemmhekk ikkomunika mas-Surgen 827 stazzjonat l-Ghassa ta' -Omissis-. Esebixxa kopa tar-rapport immarkat bhala Dok. BM1.

Illi xehdet Marie Claire Tabone li inrapprezentanza ta' Melita. Tghid li l-informazzjoni prezenti fuq id-dokument a fol. 7 tal-atti processwali harget mis-sistema tal-Melita.

Illi xehdet Justine Buttigieg bhala subcontractor ta' kellimni.com. Tghid li hi kienet qieghda fic-chat tal-kaz de quo fit-tmienja neqsin kwart u dan meta kien hemm il-kollega taghha Raina kif ukoll Abigail. Tixhed li min kien qieghed ikellimha tramite c-chat kellha l-username -Omissis-. Izzid tghid li hi kompliet titkellem maghha filwaqt li wara kompliet fuq ir-rapport li ghamlu l-kollegi taghha. Tikkonferma li kienet baghtet traskrizzjoni tac-chat kif ukoll rapport aggornat lis-Cyber Crime Unit tal-Pulizija, lill-Project Coordinator ta' kellimni.com kif ukoll c-Child Protection Unit tal-Appogg.

Illi xehed <u>PS827 Edward Grech</u> li jghid li fil-hdax (11) ta' Marzu tas-sena 2022 ghall-habta tal-hdax ta' billejl kien xoghol gewwa l-Ghassa ta' -Omissis- fejn gie infurmat minn PC1361 li jahdem gewwa s-Cyber Crime Unit li kienu rcevew informazzjoni minn fuq is-sit elettroniku kellimni.com li certu persuna bil-username -Omissis- kienet se twegga' lilha nnifisha stante li n-nannu tal-vittma kien qieghed jisfurzaha sabiex tibghat ritratti taghha stess gharwina. Jixhed li din il-persuna kienet qieghda tirrisjedi gewwa -Omissis-. Jikkonferma li hu acceda fuq il-post billejl izda ma fetah hadd u ghalhekk hejja rapport u ghaddieh lill-kollega ta' warajh. Jghid li kien wara li skopra li r-rapport originali kien li s-sieheb t'omm il-vittma kien qieghed juri lill-vittma stampi pornografici u li meta kien iqajjimha filghodu kien imissilha sidirha. Jghid li l-vittma stqarret mal-pjattaforma kellimni.com li kienet anke kellmet lil ommha izda hi m'emmnithiex. Jikkonferma r-rapport a fol. 17 sa 20 tal-atti processwali. Ipprezenta rapport aggornat immarkat bhala Dok. EG1.

Illi xehdet <u>Manuela Testa</u> li tahdem bhala haddiema socjali fi hdan id-Direttorat ghall-Harsien tat-Tfal. Tixhed li c-Child Protection Services irciviet l-ewwel rapport fil-konfront tal-ahwa -Omissis-

fil-hdax (11) ta' Marzu 2022 fuq is-servizz ta' kellimni.com fejn kien hemm traskrizzjoni ta' tifla li allegat certu abbuz sesswali min-naha tas-sieheb tal-omm naturali. Tghid li fit-traskrizzjoni ssemmiet allegazzjoni li s-sieheb ta' omm il-vittma kien imissilha l-partijiet privati kif ukoll isaqsiha kif timmasturba filwaqt li juriha filmati pornografici. Tixhed li hi mxiet mal-procedura u cioè li t-traskrizzjonijiet jigu mghoddija lill-Vice Squad sabiex it-tfal jigu identifikati. Tikkonferma li t-tfal gew identifikati u fl-erbgha (4) t'April tas-sena 2022 gew mitlubin sabiex jakkumpanjaw lill-Vice Squad sabiex jigu interrogati t-tfal.

Tkompli tixhed li giet mitkellma -Omissis- li stqarret maghha li l-abbuz ta' natura sesswali beda mill-akkuzat fis-sajf tas-sena 2021 billi kien imissilha l-warrani taghha. Tghid li l-vittma stqarret li l-akkuzat kien anke jsaqsiha jekk kinitx liebsa bra filwaqt li anke jaghfsilha sidirha. Stqarret maghha li l-akkuzat kien anke jsaqsiha jekk qattx rat il-pornografija kif ukoll jekk qattx immasturbat. Il-vittma minuri spjegatilha li kien hemm zewg (2) okkazjonijiet fejn l-akkuzat kien uriha filmati pornografici u darba minnhom kienet fil-prezenza ta' ohtha z-zghira u cioè -Omissis-. Tghid li l-vittma stqarret li kienu sehhew zewg (2) istanzi fejn l-akkuzat ipprova

jittawwal gewwa l-kamra tal-banju waqt li kienet qieghda tinhasel, okkazjoni minnhom kien hemm prezenti ohtha -Omissis-. Tixhed li l-vittma stqarret maghha wkoll li l-akkuzat kien iqajjimha missodda billi jaghtiha daqqiet fuq il-warrani, imissilha sidirha kif ukoll il-partijiet privati taghha. Tixhed li l-akkuzat kien anke jghaddi kummenti li kienu jiskomodawha.

Izzid tghid li -Omissis- kkonfermat dak kollu li stqarret -Omissis- filwaqt li l-akkuzat kien wera filmati pornografici lill-istess -Omissis- minn fuq il-mobile kif ukoll fuq it-television. Stqarret maghha li l-akkuzat kien wera dan il-filmat fil-Milied tas-sena 2021 u kien jinvolvi mara twettaq sess orali. Il-vittma minuri kompliet tghid li tiftakar episodju fejn inzertat lill-akkuzat gol-kamra tas-sodda t'ommha jsegwi l-pornografija. Tghid li skont -Omissis- l-akkuzat kien fornixxa password. Izzid tghid li l-istess -Omissis- ddeskriviet episodju fejn waqt li l-akkuzat kien fuq saqqu taht is-sufan innutaw li kien qieghed jara filmati pronografici filwaqt li kien qieghed imiss il-parti privata tieghu. Tixhed li l-vittma minuri ma kinitx certa jekk tali parti privata kinitx esposta jew le u dan minhabba x-xokk li hakem lilha u lil ohtha. Izzid tghid li darba minnhom -Omissis- kienet giet struzzjonata

biex tidhol fil-kamra tas-sodda u minghajr pre-avviz kienet sabet lill-akkuzat minghajr qalziet imiss lilu nnifsu. Episodju iehor li rrakkontat il-vittma minuri kienet meta hi u ohtha -Omissis- kienu qeghdin jahslu wicchom meta dahal l-akkuzat sabiex jaghmel il-bzonnijiet tieghu quddiemhom.

Tkompli tghid li fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' April tas-sena 2022 kienet ghenet fil-kontinwità tal-kaz mal-Ispettur Kylie Borg. Tixhed li fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Marzu kienet intbaghtet dik li tissejjah tracing form lill-iskola fejn jattendu l-vittmi minuri u li l-istess skola kienet wiegbet lura. Inkontroezami kkonfermat li dan kollu tafu minn dak li qal hadd iehor u cioè minn -Omissis- u -Omissis-.

Illi xehdet **Dr Katya Vassallo** li pprezentat traskrizzjoni tal-istqarrija tal-akkuzat -Omissis- mmarkata bhala Dok. KV1.

Illi xehdet **Marcelle Portelli** li hija impjegata mas-Segretarjat for Catholic Education. Tghid li fil-kaz odjern hi kienet tahdem bhala haddiema socjali ghall-iskola -Omissis- u kienet tiltaqa' ma' -Omissis-. Tghid ukoll li mal-vittma minuri hi kienet titkellem l-

iktar dwar id-dinamika tal-familja taghha. Izzid tghid li fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Marzu 2022 -Omissis- kienet spjegatilha li s-sieheb ta' ommha (certu -Omissis-) kien iqajjimha filghodu billi jmissilha l-partijiet privati ta' gisimha. Tixhed li t-tifla stqarret maghha li -Omissis- kien isaqsiha domandi ta' natura sesswali u cioè meta kienet l-ahhar li rat il-pornografija u meta kienet l-ahhar li misset lilha nnifisha. Tkompli tixhed li l-vittma spjegatilha li dan l-agir kollu kien igeghelha thossha skomda hafna u kienet anke uriet li ma riditx tkompli b'dawn id-diskorsati ma' dan -Omissis- izda hu kien ikompli. Tixhed ukoll li kien hemm episodju fejn -Omissis- ipprova jmissilha sidirha meta kienu fil-kcina filwaqt li kien anke gol-gnien jipprova jittawwal gol-kamra tal-banju waqt li l-vittma minuri kienet qieghda tinhasel. Izzid tghid li -Omissis- stqarret maghha li -Omissis- kien anke ghadda password ghal sit pornografiku lil ohtha.

Illi xehed <u>Keith Cutajar</u> li jghid li fil-hmistax (15) ta' Lulju 2022 gie mitlub sabiex iwettaq analizi ta' zewg (2) mobile phones esebiti bhala Dok. KB11. Jikkonferma li l-analizi saret b'success u pprezenta rapport ta' din l-analizi mmarkat bhala Dok. KC1.

Illi regghet semghet lil **-Omissis-** inkontroezami li tghid li llum il-gurnata jghixu flimkien izda mhumiex f'relazzjoni u dan stante li ghandhom wild naturali bejniethom u cioè -Omissis-. Tghid li waqt li kienu jiehdu x-xoghol tal-hasil tal-platti darba kull wiehed bhala cajta kienu jaghtu daqqa fuq il-warrani lejn min kien ikun dahru lejn is-sink. Tikkonferma li anke hi kienet tiehu sehem f'din ic-cajta. Tixhed li taf li -Omissis- hija tifla riservata u ghalhekk jista' jkun li l-mod kif kien iqajjimha mis-sodda l-akkuzat kien imur oltre l-boundaries taghha izda dan ma sarx b'intenzjonijiet hziena skont hi. Tixhed li llum il-gurnata t-tfal mhumiex ittrawmatizzati u akkademikament sejrin tajjeb. Tixhed li jista' jaghti l-kaz li l-bniet ivvintaw dawn l-allegazzjonijiet sabiex jitfghu dell ikrah fuq l-akkuzat. Tghid li l-vittmi minuri ma tkellmux maghha fuq l-allegati incidenti. Tikkonferma li rigward l-incident li sehh fil-kamra tal-banju, l-akkuzat kien qieghed jipprova jirranga l-ilma fil-pajpijiet tal-bitha. Tixhed li ma kinitx taf li t-tfal jafu jhaddmu l-IPTV.

Illi xehed minn jeddu l-imputat **-Omissis-** li jikkonferma dak kollu li qal fl-istqarrija a fol. 266 tal-atti processwali. Jinnega li kien isawwat lit-tfal. Jixhed li qatt ma kien ta l-password tal-IPTV lit-

tfal. Jixhed li hu qieghed go chat group tal-Kazin tal-Banda li ghandhom isem tal--Omissis-. Jammetti li go dan il-grupp certu membri filwaqt li jitfghu affarijiet rigward il-kazin u rigward il-futbol kien hemm min li kien iqassam siti elettronici tal-pornografija. Jghid li jista' jkun li dak il-hin li l-vittma minuri -Omissis- kienet harset lejn il-mobile tieghu waqt li kienet fuq is-sufan ta' ommu kien dahal messagg b'link ghal sit elettroniku ponografiku. Jixhed li hu qatt ma wera l-mobile tieghu minn jeddu lit-tfal. Jikkonferma li bhala cajta kienu jaghtu daqqiet lil xulxin fuq il-warrani u dan anke fil-prezenza tal-omm -Omissis-. Jammetti li jista' jkun li b'dak ic-cajt hu kien qabez certu boundaries u dan iktar u iktar meta qies li -Omissis- u -Omissis- mhumiex it-tfal naturali tieghu. Jixhed li kien hemm certu animozità bejnu u bejn il-vittma minuri tant li kien ikun hemm dizgwit kwazi fuq kollox. Jghid li kien wasal f'punt li waqaf ikellem lit-tfal stante li nduna li kienu lesti li jesageraw kull haga li jaghmel. Jghid li fil-fatt meta kien jasal lura d-dar meta kien ikun hemm it-tfal fil-kcina hu kien jaqbad jitla' fuq wahdu.

Ikompli jghid li rigward id-darba li kien allegatament isaqsi lil -Omissis- dwar is-sesswalità taghha dak id-diskors sar fil-

prezenza tal-omm. Jispjega li tali diskors sar ghaliex habiba tal-iskola tal-vittma minuri hija omosesswali u kienet ittantatha. Jixhed li kien hemm drabi meta kien jghid lil -Omissis- sabiex tilbes bra stante li ma kinitx liebsa bra. Izid jghid li hu kemm-il darba kien juza l-bitha interna sabiex jaghmel xoghlijiet ta' manutenzjoni. Hu jinnega dak kollu li allegat il-vittma minuri -Omissis- rigward l-allegazzjoni li kien jittawwal gol-kamra tal-banju. Jixhed li din l-animozità kienet ezistenti anke bejn il-vittmi minuri u t-tifel tieghu. Jghid li l-vittmi minuri kellhom rabja ghal fatt li kien ha post missierhom. Jichad ukoll l-allegazzjoni li kien imiss is-sider ta' -Omissis- meta kien imur iqajjimha ghall-iskola izda kien iqajjimha normali. Jikkonferma li hu ghandu zewg (2) mobiles wiehed tax-xoghol u l-iehor huwa personali tieghu.

## <u>Ikkunsidrat</u>

Illi huwa oramaj ben risaput illi fi proceduri bhala dawk odjerni trid tingieb dejjem 'il quddiem l-ahjar prova. Infatti fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Emad Masoud</u>** (Qorti tal-Appell Kriminali deciza fis-16 ta' Mejju 2019) gie ritenut is-segwenti:

*"Illi jinkombi fuq il-prosekuzzjoni sabiex tressaq l-ahjar prova u sabiex tipprova l- kaz taghha fuq bazi ta' minghajr dubju dettat mir-raguni. Filwaqt li d-difiza ma ghandha bzonn tipprova xejn.*

*Dwar l-oneru ta' prova, kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Supretendent Ian Joseph Abdilla)(Spettur Kevin Borg) vs. Joseph Baldacchino Farah Kirpalani -Omissis- Micallef (Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar l-24 ta' Mejju, 2017 (Numru 809/2005) ghalkemm dwar mertu u imputazzjonijiet differenti minn dawk in kwistjoni:*

*Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill- Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputati huma veri u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):*

*"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

*Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputati jigu ddikjarati hatja, l-imputazzjonijiet dedotti ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.*

*Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill- Qorti tal- Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet Il- Pulizija vs. -Omissis- Zammit et u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex persuna akkuzata tigi ddikjarata liberata, hemm bzonn li "dubju jkun dak dettat mir- raguni".*

*Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il- 5 ta' Dicembru 1997 flismijiet Il-Pulizija*

*vs. Peter Ebejer, dik il- Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l- Gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz Miller vs. Minister of Pension - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "proof beyond a reasonable doubt".*

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved*

*beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

Illi f'dawn il-proceduri jirrizulta li ma hemmx provi tangibbli u konkreti li l-allegati reati kkommettihom l-imputat odjern u dan ghaliex jirrizulta li jezistu diversi inkonsistenzi u nuqqasijiet fil-provi li ngabru mill-prosekuzzjoni u dan kif ser jigi spjegat f'din is-sentenza.

Illi ghalhekk din il-Qorti ser ikollha tezamina xi provi cirkostanzjali hemm fil-proceduri sabiex tara jekk il-prosekuzzjoni rnexxilhiex tipprova l-kaz taghha. Illi dwar dan, il-Qrati nostrani huma cari fuq dan is-suggett. Illi skont is-sentenza fl-ismijiet **Repubblika ta' Malta vs George Spiteri** moghtija mill-Qorti tal-Appell Superjuri nhar il-5 ta' Lulju 2002 gie ddikjarat is-segwenti:

*"Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja*

*kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill- gudikand sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.*

*Il-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzjoni wahda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistghu ragjonevolment jinghataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni wahda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skond il-ligi, sabiex in bazi taghha tista' tinstab htija. Kif tghid u titlob il-ligi, biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w,*

*allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.*

*Wiehed ghandu jkun ferm attent fl-apprezzament u nterpretazzjoni tal-prova ndizzjarja ghaliex ghalkemm din hi prova ferm importanti, u kultant anke aktar mill-prova diretta, pero', din hi prova li facilment tista' tqarraq lil dak li jkun qed jghamel l-interpretazzjoni w apprezzament taghha."*

Di più mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri fl-ismijiet Pulizija vs Cyrus Engerer (deciza App Kriminali fit-8 ta' Mejju 2014) gie ppuntwalizzat ukoll illi:

*"...Biex wiehed jistabilixxi jekk il-provi cirkostanzjali huma univoci wiehed irid jara l-assjem ta' dawn ic-cirkostanzi migjuba bhala prova u li dan il-konvinciment morali huwa wiehed ibbazat sal-grad rikjest tal-prosekuzzjoni tac-certezza morali (u mhux dik assoluta) jew il-prova lil hinn*

*minn kull dubbju dettat mir-raguni. In oltre il-konkluzjoni biex tkun univoka mhux necessarjament trid tkun l-uniku xenarju li jista' jintlahaq izda trid tkun l-unika wahda li tista twassal ghal htija b'mod ragonevoli kontra dak li jkun. Fi kliem iehor jekk jinholoq dubbju dwar l-univocita tal-provi cirkostanzjali liema xenarju alternattiv ma jkunx wiehed ragonevoli, dan ma jistax iwassal sabiex il-Qorti tillibera a bazi tan-nuqqas ta' univocita."*

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi l-imputat gie akkuzat bir-reat ta' korruzzjoni ta' persuna taht is-sittax (16)-il sena kif ukoll ta' persuna taht it-tnax (12)-il sena u dan skont l-Artikoli 203(1) u 203(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta:

*"Kull min, b'ghemil zieni, jikkorrompi persuna ta' that is-sittax-il sena jehel, meta jinstab hati, il-piena ta' prigunerija minn erbgha sa tmien snin:*

*Izda, il-piena għal dan id-delitt tkun ta' priġunerija minn sitta sa tnax-il sena, fil-każ li tirriżulta waħda jew iżjed miċ-ċirkostanzi li ġejjin:*

*(a) jekk id-delitt isir bi ħsara ta' persuna li ma għalqitx l-età ta' tnax-il sena jew bi vjolenza, kemm dik fiżika,kif ukoll dik psikoloġika"*

Illi fin-noti tiegħu dwar id-dritt penali, il-**Professur Mamo** jelenka l-elementi legali rikjesti sabiex tirnexxi dina l-azzjoni penali. Fi kliemu jgħid illi dana r-reat:

*"deals with those lustful acts not consisting in carnal knowledge or attempted carnal knowledge with violence, whether actual or constructive, committed on the person or in the presence of any individual, whether male or female, and capable of defiling such individual."*

Kwindi l-ewwel (1) element rikjest hija l-età tal-allegat vittma li per forza trid tkun minorenni; it-tieni (2) element imbagħad, jikkostitwixxi l-element materjali tar-reat u cioè l-għemil żieni.

*"Lewd conduct is any unlawful act committed by an individual with the purpose of arousing the libido or sexual interest of themselves or the person towards whom this action is directed."*

Il-Professur Mamo jkompli jghid li:

*"this expression does not include mere words, or any picture, book or representation, though obscene, or other indecent facts which affect only the moral sense. These do not constitute the crime in question. It is required that the defilement be by lewd acts, which acts must be committed either on the person of the minor or at least in his presence"*.

Isostni wkoll illi:

*"to take a different view would be to ignore the obvious spirit of the law in creating the crime, that is the desire to protect youth from the pernicious effects of moral defilement and, therefore also from all those acts, which,*

> *although they take place without physical contacts, are nevertheless inherently intended to defile."* Il-Professur Mamo jiddeskrivi dawn l- atti bhala: *"inclusive of all acts directed to the indulgence of the sexual appetite."*

Fl-ahhar nett it-tielet (3) element rikjest huwa l-att tal-korruzzjoni. Ghalkemm kien hemm guristi li ma qablux dwar il-fatt jekk minuri li digà huwa korrott jistax ikun soggett ghal korruzzjoni u kwindi jistax jaqa' vittma ta' dana r-reat, madanakollu l-qrati taghna dejjem sahqu illi l-fatt illi minuri jkun digà gie soggett ghal korruzzjoni ma jeskludix il-kummissjoni ta' dana r-reat fil-konfront tieghu (ghalkemm mhux dan hu l-kaz inezami). Ghal dak li jirrigwarda mbaghad il-*mens rea* rikjesta ghall-kummissjoni tar-reat tal-korruzzjoni tal-minorenni l-Professur Mamo huwa tal-fehma illi ma hijiex necessarja xi intenzjoni specifika wara l-kummissjoni ta' dana r-reat:

> *"The defilement whether intended or not, must be considered as a necessary consequence of the lewd acts themselves, leaving it in every case to those who are to judge to determine whether they were calculated to defile."*

Illi certament ma jonqosx illi din il-Qorti f'dan il-kuntest tikkwota l-kaz per eccellenza ta' dan ir-reat deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali u cioè **Il-Pulizija vs Thomas Wiffen**, deciza fit-8 ta' Jannar 1996, per Prim Imhallef Dr Vincent De Geatano fejn gie deciz:

*"Lewd acts are therefore all those acts "diretti ad eccitare la propria concupiscenza verso piaceri carnali turpi per se stessi o per le circostanze in cui si cerca di provocarli, ovvero diretti a sodisfare siffatta concupiscenza" (Manzini, V., op. cit., p. 359). The duration of these acts is immaterial for the notion of a lewd act. There is no doubt in the mind of this Court that the touching of the breasts or of the private parts of a young girl -- in the case under examination appellant's daughter was not yet twelve years old when the first acts were performed -- with the intention either of gratifying one's libidinous tendencies or of arousing the sexual interest of the said girl, are lewd acts.*

*'As to the requirement of the actual defilement, this is obviously not something that can be measured with any*

*known specific instrument, but it is something which has to be assessed by the appointed Judge – the lay Judge in the case of a trial by jury, the professional Magistrate or Judge in all other cases – taking into account all the circumstances of the case, including in particular, the age of the victim and the nature of the act or acts."*

Illi l-**Qorti tal-Kassazzjoni Taljana** (Cass. pen. n. 3196/2009) dahlet f'din id-definizzjoni fejn qalet issegwenti:-

*"Il delitto di corruzione di minorenne e quello di atti osceni in luogo pubblico concorrono formalmente se la condotta dell'agente non si limita ad offendere il pudore o l'onore sessuale, ma è posta in essere anche in modo da coinvolgere emotivamente la persona offesa. (Fattispecie nella quale il reo aveva esibito in una pubblica via il proprio organo sessuale, afferrandolo prima con una e poi con entrambe le mani alla presenza di una minore cui lo aveva mostrato)."*

Illi finalment fuq dan il-punt il-Qorti ta' Kassazzjoni Taljana **(Cass. pen. n. 44681/2005 – 7/12/2005)** ikkummentat fis-sens illi:

> *"Il bene giuridico tutelato nel delitto di corruzione di minorenni consiste nella salvaguardia di un sereno sviluppo psichico della sfera sessuale di soggetti di età minore, che non deve essere turbato dal trauma che può derivare dall'assistere ad atti sessuali compiuti con ostentazione da altri."*

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi jinghad li dan il-kaz jistrieh kompletament fuq il-kredibilità tal-vittmi minuri -Omissis- u -Omissis- kif ikkorroborata mal-provi cirkostanzjali mressqa mill-prosekuzzjoni. Zewg affarijiet li din il-Qorti tikkonsidra meta tanalizza testimonjanzi ta' minuri huma dawk tal-idonejità tal-istess bhala xhud u l-veracità tat-testimonjanza.

Illi fl-ewwel lok, a rigward l-idonejità tal-minuri bhala xhud, lokalment ghandna gurisprudenza varja li tghallimna dwar dan il-

kuncett. Illi fis-sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Giuzeppi Bonnici** datata 28 ta' Marzu 1949, gie stipulat hekk –

> *"Skond il-Ligi Maltija (art. 626 Kap. 12 [illum art. 630 Kap. 9]), hadd ma jista' jigi eskluz milli jaghti x-xhieda tieghu minhabba li ma jkollux xi età partikulari. Izda, tkompli tghid il-Ligi ta' Malta, hemm bzonn li l-Qorti tkun sodisfatta illi x-xhud, ghalkemm mhux ta' l- età, jaf illi hija haga hazina li wiehed jixhed il-falz. Minbarra dan, hu wkoll ligi (art. 625 [illum 629] illi meta l-Qorti, minhabba l-età tax-xhud, ikollha dubju jekk hu jifhemx l- importanza tal-gurament, anki wara t-tifsir tal-Qorti, u jkun jidhrilha mehtieg illi x-xhud, qabel ma jixhed, ghandu jigi nfurmat ahjar dwar il-konsegwenzi ta' xhieda falza, hija tista', jekk fil-fehma taghha x-xhieda ta' dak ix-xhud hija rilevanti, thalli l-kawza ghal gurnata ohra;"*

Illi, ukoll il-kwistjoni tal-età tax-xhud, fuq l-iskorta tat-test tal-ligi u l-gurisprudenza varja, giet indirizzata minn Sir Anthony Mamo fin-*"**Notes on Criminal Procedure**"* b'dan il-mod:

*"The essential condition [dwar il-kompetenza tax-xhud] is that the person shall be of sound mind at the time of being tendered as a witness. If this condition is satisfied, the want of any particular age is not a reason for excluding competence, it being sufficient that the court be satisfied that the witness, though of young age, understands that it is wrong to give false testimony ….* ***Competency thus depends not on the precise age but upon the actual intelligence of the witness****.*

*Our law still makes it essential, however, to the competency of every witness that he should know and accept the obligation of an oath and that he shall in fact be sworn. The principle upon which our law still proceeds is that 'it places no reliance on testimony not given on oath. Consequently no person whatever his age can give testimony upon any trial, civil or criminal, until he has, in the form prescribed by law, given an outward pledge that he considers himself responsible for the truth of what he is about to narrate, and renders himself liable to the*

*temporal penalties of perjury in the event of his wilfully and corruptly giving false evidence' ....*

*If on account of his age or for other reasons it appears doubtful whether a person tendered as a witness understands the obligation of the oath, the court explains this to the witness; and if, notwithstanding such explanation the court shall deem it necessary that the witness, before giving evidence, be further instructed as to the consequence of the false testimony, the court may, if it considers the evidence of such witness to be important for the ends of justice, adjourn the trial to another day and, should the case be before the criminal court, discharge the jury.*

***If the court is not satisfied that the proposed witness can understand the obligation of the oath (nor that he can be instructed as aforesaid) the court is bound to reject that witness as incompetent***[1]*. It cannot hear him without oath (...)"*

[1] Emfazi tal-Qorti

Illi rigward il-veracità tax-xhieda tal-minuri -Omissis- ghandu jinghad li fix-xhieda taghha, l-istess minuri kienet konsistenti. Di fatti l-Qorti tinnota li xhud iehor li kkorroborat dak li qalet il-vittma minuri kienet ohtha -Omissis-.

Illi minkejja din il-konsistenza apparenti, mill-provi li ressqet il-prosekuzzjoni il-Qorti tinsab iktar imhassba dwar il-kredibbiltà tal-vittma minuri u dan kif ser jigi spjegat f'din is-sentenza.

<u>**Ikkunsidrat**</u>

Illi oramaj huwa principju ben stabbilit fil-gurisprudenza nostrana li mhux kull kunflitt fil-provi ghandu jwassal ghal-liberatorja tal-imputat ghaliex il-Qorti hija obbligata li tevalwa l-provi fl-assjem taghhom u tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min tista' temmen u f'xiex u dan *multo magis* f'dawn it-tip ta' kawzi meta jkollok verzjoni ta' minorenni versu verzjoni ta' persuni ohra.

Illi huwa principju bazilari wkoll li r-reat tal-imputat trid tigi ppruvata mill-Prosekuzzjoni 'l hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Dan ifisser li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni

hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li din il-Qorti trid tasal ghalih hu, li wara li tqis ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u l-provi kollha inkluz dawk xjentifici u medici, tkun moralment konvinta minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. F'dawn il-kuntesti l-Qorti taghmel referenza ghal dak li qal **Lord Denning**:

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence: 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing short of that will suffice".*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Omissis** deciza mill-Qorti Kriminali fil-11 ta' Jannar 2019 inghad:

*"Illi huwa minnu illi dawn il-kazijiet ta' reati kontra l-persuna fosthom stupru, u korruzzjoni ta' minuri hafna drabi jipprezentaw stampa fejn l-provi probatorji ikunu jikkonsistu fix-xhieda taz-zewg persuni involuti f'dan l-event kriminuz u cioe' il-verzjoni tal-minuri u dik tal-persuna akkuzata. Wiehed jghid iswed u l-iehor jghid abjad biex b'hekk ghandhom rwol rizoluttiv, il-kredibilta' u l-attendibilita' ta' xhieda ghas-soluzzjoni tal-vertenza. Din il-kredibilita` u attendibilita f'dawn it-tip ta' kawzi hafna drabi tohrog mill-komportament tax-xhud, oltre l-inkonsistenzi fid-deposizzjoni taghha.*

*Illi inoltre biex tezamina l-kredibilita' tax-xhud, il-Qorti ghandha tezamina d-dettalji ipprezentati quddiemha mhux biss mix-xhieda tal-atturi ewlenin involuti f'din il-vicenda sfortunata, izda ukoll tax-xhieda l-ohra li iddeponew u xhieda ohra li taw il-kontribuzzjoni taghhom professjonali ghar-risoluzzjoni ta' din il-vertenza, ezercizzju li din il-Qorti trid taghmel b'mod konciz u dettaljat."*

Illi fuq dan is-suggett u ghall-kompletezza, qed issir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker**[2] fejn gie ritenut illi:

*"it is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

Illi wkoll fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef** moghtija fit-2 ta' Frar 2012, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

*"Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qeghdin jaghtu verzjoni differenti minn ohrajn illi xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi ghax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li ghandha twassal ghal liberatorja."*

[2] QA Kriminali – deciza fid-19 ta' Mejju 1997

Ukoll fil-kawza **Pulizija vs. Joseph Thorn**[3], il-Qorti qalet:

*"... mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti f'kaz ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa il-provi skond il-kriterji annuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal ghal konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex trid temmen jew ma temminx"*

Illi l-Qorti tinnota li fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. John Pace**[4] inghad is-segwenti:

*"Ma hemm xejn hazin illi l-Qorti tistrih fuq xhud wiehed biss kif del resto hija ntitolata li taghmel permezz ta' l-Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9. Dan l-Artikolu jghid illi xhud wiehed jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Naturalment din ix-xhud tkun trid*

[3] QA Kriminali – deciza 9 ta' Lulju 2003

[4] QA Kriminali deciza fil-31 ta' Ottubru 2013

*tigi evalwata fil-kuntest tal-linji gwida moghtija millArtikolu 637 tal-Kapitolu 9".*

Illi l-Qorti rat ukoll dak li jipprovdi Artikolu 637 dwar kif ghandha tanalizza kredibbiltà ta' xhud b'dan illi, *"id-decisjoni tithalla fid-diskrezzjoni ta' min ghandu jiggudika l-fatti, billi jittiehed qies tal-imgieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi ohra tax-xiehda tieghu, u jekk ix- xiehda hix imsahha minn xiehda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal- kaz."*

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi harsa lejn il-provi prodotti a rigward ta' din l-inkonsistenza, referenza qieghda ssir ghax-xhieda ta' -Omissis- a fol. 105 tal-atti processwali fejn tghid is-segwenti:

*"-Omissis-:* *Ifhem ghax anke per ezempju fil-kcina nkunu min kien ikun qed jahsel il-platti ezempju gieli -Omissis- taha daqqa fuq il-patata*

*taf kif? Bhala hasda jiena gieli ghamiltha l-istess lilha jew lilu. Qisni fhmit? Qatt ma hsibt li jista' jkun hemm xi haga hazina ghaddejja."*

Illi dan rega' gie kkonfermat fil-kontroezami tal-istess xhud a fol. 385 tal-atti processwali:

*"Xhud: Ifhem kien hemm okkazjonijiet fejn l-affarijiet graw quddiemi jigifieri. Perezempju konna nkunu familja t-tfal tieghi u t-tfal tieghu, emm konna niehduha in turns min jahsel il-platti u bhala cajta konna naghtu daqqa fuq il-patata min kien ikun dahru lejn is-sink.*

*...*

*Xhud: Kulhadd kien jaghmel hekk. Jiena fuq -Omissis-."*

Illi referenza ohra qieghda ssir ghax-xhieda moghtija mill-istess -Omissis- a rigward l-allegazzjoni li l-akkuzat kien jittawwal mit-tieqa tal-kamra tal-banju:

| | |
|---|---|
| *"Xhud:* | *Ifhem il-bitha zghira -Omissis- dakinhar kien qed jahdem xi haga fl-ilma.* |
| *Dr. M. Mifsud:* | *Pero` hi kienet specifika li qali illi mar biex inemmes. Ma qaltlek xejn wara.* |
| *Xhud:* | *Le. Jien ma kontx hemm ifhem imma le."* |

Illi di più l-Qorti hija tal-fehma illi li kieku verament sehh dak li qieghed jigi allegat allura kien iktar kredibbli li l-minuri kienu jghajtu biex l-imputat jitlaq mill-post jew imqar jinfurmaw lil ommhom dak il-hin stess b'dak li kien gara.

Illi hareg ukoll mill-atti li l-parte civile u ohtha kienu qaghdu lura milli jifthu qalbhom m'ommhom . Il-Qorti ghalhekk tqis illi li kieku dawn kienu verament fi stat ta' trawma allura jregi li kienu jitkellmu ma' xi hadd mill-ewwel u mhux ihallu kollox jghaddi qisu xejn mhu xejn. Wara kollox l-omm stess fix-xhieda taghha tghid li saret taf

b'dawn l-allegazzjonijiet ferm wara li sehhew u mhux a *tempo vergine*.

Illi l-Qorti tinnota li hareg mill-provi li r-relazzjoni bejn il-minuri, specjalment ma' -Omissis-, u l-akkuzat kienet wahda oltrè minn turbulenti, fatt li sahansitra anke l-istess -Omissis- ammettiet fix-xhieda taghha a fol. 49 tal-atti processwali:

| | |
|---|---|
| *"Magistrat:* | *Inti kont hadtha bi kbira dak iz-zmien? [b'referenza ghas-separazzjoni bejn ommha u missierha naturali]* |
| *-Omissis-:* | *I meak kelli xi seven jew ten so ovvjament hadtha bi kbira qisni."* |

Di più referenza qieghda ssir ukoll ghax-xhieda moghtija minn -Omissis- fejn tikkonferma li seta' kien il-kaz li t-tfal taghha xtaqu jitfghu dell ikrah fuq l-akkuzat[5].

Illi dan kollu joffri serhan il-mohh lil din il-Qorti li fil-verità l-imputat ma kellux il-*mens rea* sabiex jikkommetti dak li qieghed

[5] Fol 387 tal-atti processwali

jigi allegat mill-Prosekuzzjoni u cioè li jikkorrompi lil -Omissis- u lil -Omissis-. Illi fuq dan huwa principju ben stabbilit li sabiex ikun hemm delitt irid ikun hemm prezenti kemm l-*actus reus* kif ukoll il-*mens rea*.

Illi r-regola generali fid-dritt penali hija li *"actus non facit reum, nisi mens sit rea"*. Di fatti **<u>l-Professur Mamo</u>** jghid hekk fin-noti tieghu:

> *"The general conditions of criminal responsibility are indicated with sufficient accuracy in the old legal maxim: "actus non facit reum, nisi mens sit rea". The act alone does not amount to guilt: it must be accompanied by a guilty mind. That is to say, there are two conditions to be fulfilled before criminal responsibility can rightly be imposed, and we may conveniently distinguish these as the material and the formal conditions of liability. The material condition is the doing of some act by the person to be held liable. A man is to be accounted responsible only for what he himself does, not for what other persons do, or for events independent of human activity altogether. The formal*

*condition, on the other hand, is the "mens rea", or guilty mind, with which the act is done."*

Illi ghalhekk din il-Qorti tqis li dan huwa kaz fejn l-akkuzat kjarament ma jafx x'inhuma l-*boundaries* personali u anke versu l-minuri li kienu qeghdin jghixu fl-istess dar mieghu. Il-Qorti tifhem li hi aktar verosimili li l-imputat kien qieghed jipprova jintegra ruhu gewwa familja differenti u ghalhekk pprova jaghmilha ta' bniedem li jista' jkun appellabbli lill-minuri, izda xorta wahda ghandu jkun ir-responsabilità tal-imputat sabiex li jara li ma jitqieghedx f'sitwazzjonijiet simili bhal dawk li wasslu ghall-akkuzi odjerni. Dan qieghed jinghad mhux biss ghal gid tal-istess imputat izda anke sabiex izomm l-interess tal-minuri li mhumiex uliedu bhala priorità filwaqt li jevita li dawn il-minuri jkabbru jew jghawwgu dak li kien gara biex jilhqu l-ghanijiet taghhom. Dawn it-tip ta' sitwazzjonijiet sfortunatament jigru ta' spiss fejn ikun hemm terzi persuni li jippruvaw jintegraw f'familja li hi differenti minn taghhom.

Illi ghal dawn ir-ragunijiet li l-Qorti mhix ser issib htija fil-konfront tal-akkuzat a rigward l-ewwel (1) u t-tieni (2) akkuzi.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi reat iehor li gie akkuzat bih l-imputat huwa r-reat ta’ fastidju kif mahsub fl-Artikolu 251A sub-inciz (a) u (e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta:

> *“Persuna li:*
>
> *c) tissoggetta lil persuna ohra ghal xi att ta’ intimità fizika; jew*
>
> *…*
>
> *e) tissoggetta lil persuna ohra ghal xi att u, jew imgiba li jkollhom konnotazzjonijiet sesswali, inkluzi kliem bil-fomm, mossi u, jew ghemil, il-wiri jew ic-cirkolazzjoni ta’ kliem miktuba, stampi, u, jew xi materjal iehor, fejn dak l-att, kliem, u jew imgiba mhumiex mixtieqa mill-vittma, u jkunu jistghu ragonevolemnt jigu kkunsidrati bhala offensivi, umiljanti, degradanti, u, jew intimidatorji lejha*
>
> *tkun hatja ta’ reat taht dan l-artikolu.”*

Illi ghandu jinghad qabel xejn li filwaqt li servizzi bhal kellimni.com huma intizi biex jghinu lil dawk il-persuni fis-socjetà li jhossuhom ftit jew wisq minsijin u maqtughin mis-socjetà ghal diversi ragunijiet (fosthom persuni li qeghdin jikkontemplaw is-suicidju), fl-istess hin jafu jservu t'ostaklu ghal proceduri bhal dawk odjerni.

Illi hija l-fehma tal-Qorti li ghalkemm pass 'il quddiem biex jinkixfu illegalitajiet, persuna li tkun qed issofri minn xi tbatija ghandha tigi mitkellma wicc imb wicc u mhux biss tramite chat elettroniku. Qabel xejn jaf jaghti l-kaz li xi hadd iehor li mhuwiex il-vittma seta' wettaq ir-rapport li jkun anke totalment fazull. Referenza intant qieghda ssir ghac-chat a fol. 165 *et sequitur*. Ghandu jinghad li din il-Qorti tinsab perplessa li f'konverzazzjoni ta' madwar siegha u kwart kien hemm involuti tliet (3) haddiema socjali li tkellmu ma' vittma rigward allegazzjonijiet tant serji.

Illi din il-prassi assolutament ma tghinx il-kaz tal-prosekuzzjoni stante li huwa impossibbli sabiex fil-hin limitat li ghandhom tali haddiema socjali huma kapaci li jkollhom stampa cara tad-dinamika ta' din is-sitwazzjoni u johorgu kwadru car tas-sitwazzjoni. Il-Qorti ghalhekk theggeg dan is-servizz sabiex

jikkunsidra l-mod kif topera ruhha f'sitwazzjonijiet simili u dan sabiex isserrah mohh li l-*iter* li bih jibda rapport isir b'mod integru kemm jista' jkun.

Illi fuq dan l-ahhar punt referenza qieghda ssir ghall-ilmenti li saru da parti tal-vittma minuri -Omissis- a fol. 168 sa 169 tal-atti processwali. Ghandu jinghad li l-preokkupazzjoni principali taghha ma kienx l-allegat abbuz li kienet qed issofri izda l-glieda li sehhet bejn ommha u ohtha -Omissis- rigwardanti xi hwejjeg. Illi hareg ukoll minn din l-istess konverzazzjoni li l-maggjor parti l-kbira taghha kien a rigward kemm ma taqbilx ma' ommha u kemm hi skuntenta bis-sitwazzjoni familjari taghha u mhux fuq l-allegat abbuz. Dan is-suggett zerzqitu wara hafna u cioè fl-ahhar tal-konverzazzjoni.

Illi din il-Qorti thoss illi l-prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova l-kaz taghha oltre d-dubju dettat mil-ligi u dan kif ser jigi spjegat aktar 'il quddiem.

Illi l-Qorti tirreferi ghar-rapport redatt mill-espert Keith Cutajar ipprezentat fil-5 ta' Dicembru tas-sena 2022. Il-Qorti fliet bir-

reqqa tali rapport u taghmel referenza ghal diversi filmati u ritratti li jinsabu goz-zewg (2) cellulari tal-akkuzat. Jidher bic-car lil din il-Qorti li l-akkuzat kien verament jircievi u jzomm filmati u ritratti ta' natura pornografika (li bl-ebda mod ma kienu jinvolvu tfal minuri). Wara kollox referenza qieghda ssir ghal dak li xehed l-imputat a fol. 429 tal-atti processwali fejn jammetti b'mod liberu li huwa minnu li hemm materjal pornografiku fuq ic-cellulari tieghu.

Illi stante d-dubju li tqajjem fil-kredibilità tal-vittmi minuri din il-Qorti thoss li ghandha temmen lill-akkuzat fil-verzjoni tieghu meta jitkellem fuq il-group chat tal-Kazin tal-Banda li kien fiha fejn membri tal-istess chat kienu jaghmluha drawwa li jqassmu kontenut pornografiku lil xulxin sabiex jghaddu z-zmien. Ghalhekk il-Qorti tqis li seta' kien il-kaz li waqt li kien qieghed jircievi dawn il-messaggi l-minuri setghu raw accidentalment tali kontenut.

Il-Qorti terga' taghmel referenza ghall-principju baziku fid-dritt penali li flimkien mal-*mens rea* hemm bzonn l-ezistenza tal-*actus reus*. Referenza qieghda ssir ukoll ghall-allegazzjoni li l-akkuzat

kien isaqsi lill-minuri -Omissis- dwar is-sesswalità taghha. Il-Qorti tqis li hija iktar kredibbli l-verzjoni tal-akkuzat u cioè dak li jinsab a fol. 425 tal-atti processwali fejn jghid:

*"Xhud:* *Ghax perezempju kienet darba qalet il-partner tieghi li jien kellimtha wahedha fuq is-sesswali taghha jekk hux gay jew le. Dik kienet saret fil-prezenza tal-omm meta l-omm, it-tifla giet tghidilna konna qed nieklu fil-kcina li kien hemm habiba taghha li hija gay tmur l-iskola maghha u qalet li m'ghadiex tkellimha. U t-tifla qalet -Omissis- dejjem, il-kbira qalet m'ghadiex tkellimni mhux ha noqghod insemmi isem il-persuna, din it-tifla ghax ittantatni u ma tajtiex wicc. Umbaghad qabzet ommha u qaltilha imma inti m'intiex gak kif ittantatek? Umbaghad it-tifla qaltilha inti fejn taf x'jien. Qbizt jien hemmhekk, orajt tghidli ghalfejn indhalt, ghidtilha b'daqshekk, ghidtilha llum il-gurnata lil ommha llum billi tkun gay mhux tabu bhalma konna fi zmien*

*bhal qabel. Qabzet ommhom qaltli x'inti tghid, qaltli mela -Omossis- gay u waqfet hemmhekk."*

Illi di più l-Qorti taghmel referenza ghat-traskrizzjoni a fol. 168 tal-atti processwali fejn hareg bic-car li l-ilment principali ta' -Omissis- ma kinitx ghall-allegazzjonijiet maghmulin kontra l-akkuzat izda ghal fatt li thossha wisq iddixxiplinata minn ommha. Iregi allura dawn l-allegazzjonijiet saru minn -Omissis- sabiex tirribella kontra ommha u l-akkuzat.

Illi l-Qorti mill-gdid terga' ttenni u theggeg lill-akkuzat sabiex jgharaf il-*personal boundaries* kemm tieghu kif ukoll ta' haddiehor f'din il-familja u dan sabiex jigu evitati abbuzi. Intant referenza qieghda ssir ghal estratt minn rapport intitolat "Setting the Boundaries – Reforming the law on sex offences" ippubblikat mill-Home Office tar-Renju Unit fejn intqal hekk:

*"The criminal law performs a vital role in society by setting standards of acceptable and unacceptable conduct. In making certain types of sexual behaviour criminal, the law*

*provides protection, and supports and maintains the boundaries of acceptable behaviour in the family and community. Children need particular protection in the field of sexual relations because they are physically and emotionally dependent and not yet fully physically or psychologically mature. The law has long held that children are not, and should not, be able to consent to any form of sexual activity in the same way as adults."*

Illi ghalhekk huwa fl-interess tal-istess akkuzat u ta' persuni fl-istess sitwazzjoni tieghu li jiddistingwi dak il-komportament li huwa accettabbli u dak li assolutament mhuwiex.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi ma ssibx lill-imputat **-Omissis-** hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih stante li ma gewx ippruvati oltre d-dubju dettat mil-ligi.

---

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**
**Magistrat**
**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**